# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 27 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Numru : 1092/2007 JPG**

**Dottoressa Michelle Tabone, detentrici tal-karta tal-identita' numru 138371(M) bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja ta' San Gakbu, Xghajra, Haz-Zabbar li taghmel parti mill-Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zabbar Malta**

**VS**

**Dennis Farrugia (I.D. 353657M) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Denfar Excavations Limited (C10272)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors Dottor Michelle Tabone, detentrici (K.I. numru 138371(M)) bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjuzi

Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja ta' San Gakbu, Xghajra, Haz-Zabbar li taghmel parti mill-Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zabbar Malta tal-15 ta' Gunju 2015 (a fol. 196 et seq) li jaqra hekk:

1. *Illi, fl-imsemmija sentenza, Din l-Onorabbli Qorti iddecidiet il-Kawza, billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Dennis Farrugia, f'ismu proprju, ghajr l-ewwel eccezzjoni, illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta' konvenuta Denfar Excavations Limited, u laqghet it-talbiet tar- rikorrenti, bl-ispejjez a karigu tal-intimat Dennis Farrugia.*

2. *Illi, bit-tieni talba taghha, l-esponenti talbet: illi il-konvenuti jigu ikkundannati "<u>sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss" (enfazi mizjuda).</u>jispurgaw l-ispoll minnhom konness u jirrintegraw lill-attrici nomine fil-pussess u l-access li kellhom fi Triq Santa Tereza, billi inehhu l-imsemmija linji tal-istess Triq Santa Tereza, Xghajra Zabbar, iddestinati ghall-ipparkjar (parking bays) u jirriprestinaw kollox fl-istat li kien qabel, qabel ma sar l-istess spoll.*

3. *Illi, ghalkemm, Din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici kollha, fir-rigward tal-konvenut Dennis Farrugia, hija ma ipprovdietx, fuq it-talba tal-esponenti, biex jigi prefiss zmien qasir u perentorju li fih, l-istess intimat Dennis Farrugia ghandu jispurga l-ispoll, kif mitlub fit-tieni talba attrici u ghalhekk l-esponenti tixtieq taghmel din l-umili talba taghha a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12. tal-Ligijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghogbha Tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-konvenut Dennis Farrugia ghandu jispurga l-ispoll minnu kommess, u jirrintegra l-attrici nomine fil-pussess u l- access li kellha fi Triq Santa Tereza, billi jnehhi l-imsemmija linji tal-istess Triq Santa Tereza, Xghajra Zabbar, iddestinati ghall-ipparkjar (parking bays) u jirriprestina*

*kollox fl-istat li kien qabel, qabel ma sar l-istess spoll. kollox taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni illi Din l-Onorabbli Qorti Joghogbha Tordna u Timponi"*

Rat id-digriet taghha tas-16 ta'Gunju 2015;

Rat ir-risposta tal-intimat Farrugia Dennis tas-7 ta' Jannar 2016,(a fol. 212 ) illi taqra hekk:

1. *"Illi l-procedura adottata mhux dik idonea;*

2. *Illi ghal kull bon fini dak li qed jintalab huwa intempestiv stante lil-mertu huwa ezawrit;*

3. *Salv risposta ulterjuri"*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Gunju 2015 (a fol. 181 et seq);

Rat l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi dak sollevat fir-risposta tal-intimat Farrugia huwa nsostenibbli;

Tilqa' t-talba tal-attrici nomine u tiprefiggi terminu ta' xahrejn li fih l-intimat Dennis Farrugia ghandu jispurga l-ispoll minnu kommess, u jirrintegra l-attrici nomine fil-pussess u l-access li kellha fi Triq Santa Tereza, billi jnehhi l-imsemmija linji tal-istess Triq Santa Tereza, Xghajra Zabbar, iddestinati ghall-ipparkjar (*parking bays*) u jirripristina kollox fl-istat li kien qabel, qabel ma sar l-istess spoll.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**